MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 196/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Keithien Borg**

**Dailin Bennetti**

Magistrat Dr Josette Demicoli

6 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Keithien Borg ta' 18-il sena, bin Joseph u Anna nee' Galea, imwieled Pieta' fit-8 ta' Dicembru 1995, residenti Blk J, Flt 3, Bin ital-Gvern, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 530795M u Dailin Bennetti ta' 16-il sena, bin missier mhux maghruf u Carmen Louise Bennetti, imwieled Pieta' fl-14 ta' Lulju 1997, residenti 16, Waterloo, Flt 3, Triq Antonio Doublet, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 276297M:

Akkuzati talli fil-lejl bejn is-16 u 17 t'Ottubru 2013 gewwa l-Hamrun:

1. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 izda inqas minn €116.47 ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun, il-Gvern ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi assocjaw ruhhom flimkien u/jew ma' xi persuni ohra bil-ghan li jaghmlu delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.47 u bil-hin, li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

Lil Keithien Borg wahdu akkuzat ukoll talli:

3. B'hekk ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Conditional Discharge ghal zmien sena moghtija lilu mill-Magistrat Dr D. Clarke LL.D nhar l-10 ta' Ottubru 2012 u estiza ghal perijodu ta' sena ohra mill-istess Qorti nhar il-21 ta' Settembru 2013;

4. U aktar talli b'hekk ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. D. Clarke nhar il-21 ta' Settembru 2013.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza ta' l-4 ta' Gunju 2014 mizmuma minn din il-Qorti, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-posizzjoni taghhom.

Semghet lil Probation Officers li jsegwu lil Keithien Borg u lil Dailin Bennetti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghdin jinstabu hatja l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali taghhom u l-eta' taghhom.

Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-Probation Officers spjegaw li l-imputati fil-maggiorparti tad-drabi jsegwu dak li jghidulhom. Madankollu l-Qorti tqis li huma ghandhom jiehdu dan iz-zmien bhala opportunita' biex jirriformaw ruhhom verament. Partikolarment lil Keithien Borg tqis li f'dan l-istadju l-Qorti ghandha ttih l-ahhar cans u ma timponix piena karcerarja. Huwa proprju ghalhekk li din il-Qorti qeghda taghzel li ma titrattax ma' l-imputat Borg talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' l-ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-artikoli 325(1)(c), 48A, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 17, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Dailin Bennetti hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Wara li rat l-artikoli 325(1)(c), 48A, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 17, 20 u 31 tal-Kapitolu 9, l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat

Keithien Borg hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta′ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta′ probation ghal tlett (3) snin millum

U b′applikazzjoni ta′ l-artikolu 23 tal-Kap 446 qeghda testendi l-perjodu ta′ liberta′ kundizzjonata imposta permezz tas-sentenza moghtija nhar l-10 ta′ Ottubru 2012 u estiza ghal perjodu ta′ sena ohra permezz tas-sentenza tal-21 ta′ Settembru 2013  b′sena millum. U taghzel li ma titrattax ma′ l-imputat ghar-raba′ imputazzjoniossija li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta′ ordni ta′ probation.

Il-Qorti wissiet lill-hati Dailin Bennetti bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta′ liberazzjoni kondizzjonata; u wissiet lill-hati Keithien Brg bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta′ tlett snin.

Tordna li kopja ta′ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------